MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 941/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**ANTON VASSALLO ta’ 30 sena, iben Carmelo u Rose Marie nee’ Pullicino, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Settembru, 1978, residenti fil-fond St Joseph, Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 495978M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Anton Vassallo li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Frar, 2002, gewwa Bahar ic-Caghaq, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom sigaretti, flus, xorb u hi-fi li jammontaw ghal inqas

minn Lm1,000.00(elf lira maltin) ghad-detriment ta' Victor Borg mis-Siggiewi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u hin;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix Lm500.00(hames mitt lira Maltin) imma hija izjed minn Lm50.00(hamsin lira Maltin), ghad-detriment ta' Victor Borg mis-Siggiewi;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

4. U aktar talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr C Scerri Herrera LL.D) datata 18.12.2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. U aktar talli kiser ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr C Scerri Herrera) datata 18.12.2001;

6. U aktar talli sar recidiv ta' serq b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Sussegwentement rat ukoll l-akkuzi kif korretti fis-sens ta' aggravju tal-valur (a folio 65);

Rat li fiz-zewg interrogatorji l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji kif ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri (a folio 83 u 84 rispettivament);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi certament jirrizulta mill-provi prodotti illi sar serq mir-restaurant ‘Golosa’ li jifforma parti mill-kumpless Splash and Fun gewwa Bahar ic-Caghaq. Dan jirrizulta ben konstatat mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina nominat fl-Inkjesta Magisterjali (vide DOK RA a folio 29);

Rat ukoll ix-xhieda ta’ Victor Borg folio 67 – 73, *self-employed* gewwa l-Golosa Restaurant, li xehed dwar l-oggetti misruqa u l-valur taghhom kif ukoll id-dannu soffrut fis-sit suggett ghar-reat imsemmi.
Ezebixxa wkoll l-imsemmi xhud id-dokumenti minn folio 70 sa 80, DOK A sa DOK F.

Ghandu jinghad ukoll f’dan l-istadju illi ghalkemm instab dmija fuq is-sit tar-reat u sar anke ezami serologiku, ma ntalabx u lanqas qatt sar ezami komparattiv. Pero fl-istess hin ghandu jinghad ukoll illi Anton Vassallo fl-istqarrija tieghu ammetta l-fatt illi hu dahal fis-sit imsemmi u kkaguna certa hsarat fil-fond sgassat u anke li kkommetta l-ammont ta’ serq. Cahad li mess il-*cash register* jew ha l-flus hemm kontenuti, li seraq xi xorb jew li pprova jmiss il-magna tal-loghob. Jghid anzi li dan kien frott ta’ dhul ta’ haddiehor warajh.

Illi rat ukoll il-Qorti s-sentenzi ezebiti u in vista tar-recidiva a folio 46 – 54 DOK A u DOK B, u x-xhieda ta’ l-Ispettur David Spiteri fil-konfront ta’ l-identita’ ta’ l-istess.

Rat f’dan ir-rigward l-eccezzjoni ta’ l-Avukat Difensur ta’ *neb is in idem* fir-rigward tar-raba’ akkuza f’sentenza moghtija fis-26 ta’ Marzu, 2001, allura tas-sentenza sospiza, kif ukoll tas-sentenza gia msemmija u dik tal-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera.

Illi pero ebda sentenzi f’dan ir-rigward qatt ma giet ezebita. Lanqas pero ma qatt irregola ruhu l-Ufficjal Prosekutur kif ivverbalizza li ser jaghmel fis-seduta ta’ nhar l-10 ta’ Novembru, 2004(folio 83).

Din il-Qorti tinnota wkoll illi apparti ghall-fatt li d-Difiza ma ressqet ebda provi ghajr Liliana Micallef li bhala *social worker* fis-Sedqa qalet illi hi ma kienet taf b'xejn, u xehdet fuq dak li qaltilha l-*key worker* ta' l-istess akkuzat.

Tinnota wkoll din il-Qorti illi ghalkemm il-partijiet (fuq talba tad-Difiza fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2005), talbu li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, dan baqa' ma sarx.

Ghaldaqstant fuq il-provi prodotti tqis wara dak kollu espost, b'mod partikolari l-istqarrija ta' l-akkuzat, bhala li l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 279, 325, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi t-tielet (3) akkuza hija wahda alternattiva ghar-reat principali ta' serq.

Dwar ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza, tenut kont ta' l-eccezzjoni mqajma mid-Difiza u n-nuqqas ta' l-Ufficjal Prosekutur li jirregola ruhu (kif gia' premess), stante ghalhekk din il-Qorti ghandha dubju dwar dak kif premess, qieghda kif trid il-Ligi taghti l-beneficcju tad-dubju lill-akkuzat, u tilliberah mill-istess.

Dwar il-htija wara li rat il-fedina penali ta' Anton Vassallo, rat li hu nghata diversi opportunitajiet anke ghar-reati simili, liema opportunitajiet rema, u qieghda tikkundannah ghal piena kacercerja effettiva ta' sena(1) habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------